# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Michael Vella)
(Spettur Eman Hayman)

Vs

Omissis

Illum, 5 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra, Imputata bint Simo u Andjelka xebba Vasilijevic , residenti ġewwa 58, Harmony Court, Flat 16, Hmistax ta' Awwissu Street, Mosta, imwieleda ġewwa Ruma, Serbia nhar id-29/10/1973 u detentriċi tal-Passaport Serbjan bin-numru 013941059 akkużata talli nhar l-01/12/2023 għal ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 07:30hrs u 12:00hrs ġewwa l-Imsida;

1. Sabiex tikseb xi vantagg jew benefiċju għaliha innifisa jew għal haddieħor, f' xi dokument mahsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħat tagħrif falz.
2. Għamlet falsifikażzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodiċi Kriminali
3. Dwar xi informazzjoni li għandha tiġi moghtija skont jew għall-finijiet ta' dan l-Att (l-Att dwar l-Immigrazzjoni) , taha jew ġieghel li jingħata prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz.

Rat li l-imputata ġiet preżentata taħt arrest fil-31 ta' Jannar, 2024, l-imputata tramite d-difensuri tagħħa infurmat lil Qorti li ma tifhimx bil-lingwa Maltija u lanqas dik Ingliża. Il-Qorti innominat lil Maya Brown biex titraduċi mill-lingwa Serba għal dik Ingliża u vice versa u lil PL Mathhew Agius biex jittraduċi mill-lingwa Ingliża għal dik Maltija u vice versa.

Rat li wara li Ufficjal Prosekutur spjega ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-arrest, id-difiza tiddikjara li mhijiex qed tikkontesta l-validita' tal-arrest. L-ufficjal Prosekutur qara u ħalef l-imputazzjonijiet fil-kontront tagħħa. L-imputata wieġbet mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħħa.

Il-Qorti ordnat divjet ta' isem l-imputata mill-publikażżjoni fi kwalunkwe ġurnal jew meżżi socjali;

Rat li din il-kawża ġiet differita' lil dina l-Qorti kif preseduta.

Semgħet ix-xhieda ta' Spettur Michael Vella fis-seduta tal-6 ta' Marzu, 2024; ta' Andrew Xuereb fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024; ta' Thomas Berry fis-seduta ta' 6 ta' Marzu, 2024; ta' Francis Buttiġieg fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024; ta' Jonathon Grech li fis-seduta tal-22 ta' Mejju, 2024.

Rat l-affidavit ta' PS 379 M Saliba ippreżentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024;

Rat li ta' Tamara Milandinovic għazlet li ma tixhidx biex ma tinkriminax ruha fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024;

Rat li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2024

Rat l-artikoli 188, 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-art. 32(1) (c ) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-każ.

Ikkunsidrat

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 379 M. Saliba.** Jiddikjara li fl-1 ta' Dicembru, 2023 waqt li kien stazzjonat fl-għassa ta' Tas-Sliema għal ħabta ta' 08:30 hrs gie infurmat minn Identity Malta, Msida li kien hemm certa li għandha passaport Serb li għandha dokument b' firma iffalsifikata. Mar fuq il-post u kellem lil Oliver Bennett u Patrick Farrugia impjegati ta' Identity Malta li infurmawh li l-imputata preżentatilhom dokument ta' kera iffalsifikat. Żiedu li meta kellmu lil imputata qaltilhom li dan kien tahulha certa Sasha li huwa aġent tal-propjeta'

Ix-xhud informal lil imputata bl-arrest tagħħa li kien fl-9:00 hrs u li r-raġuni tal-arrest tagħħa kien il-firma falsifikata. Taha ittra bid-drittijiet bil-lingwa Ingliża u nforma lis-Spettur tal-għassa Michael Vella.

**Francis Buttiġieg** xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024. Ix-xhud gie muri l-iskrittura ta' kera datata 18 ta' Awwissu, 2023 li jinstab ezebit Dok MV[1]. Jixhed li l-indirizz tal-appartament, il-firem u l-email address fuq din l-iskrittura ma huwiex tiegħu. L-isem u n-numru tal-identita' indikati fuq l-iskrittura ta' kera huma tiegħu.

**Thomas Berry** xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024. Ix-xhud huwa rappreżentant tal-unit li kienet aċċettat l-applikażżjoni tas-Sinjura Imputata. Jixhed li l-applikażżjoni tal-imputata (KI 0421222A) ġiet sottomessa mal-agenzija fit-22 ta' Awwissu, 2023. Ġiet aċċettata min naha tal-agenzija fl-istess ġurnata. Inħargitilha 'in principle approval letter' fid-9 ta' Ottubru, 2023. Kellha l-appuntament fl-uffiċini tal-Imsida sabiex tieħu l-biometrics fl-1 ta' Dicembru 2023 u l-istess applikażżjoni ġiet approvata fl-1 ta' Dicembru, 2023. Wara dan kollu l-applikażżjoni ġiet rifjutata fil-5 ta' Dicembru, 2023.

Skont ir-*refusal letter* ir-raġuni li nghatat kienet *"your application for single permit is being refused in view that in support of your application you have submitted a forged lease agreement."*

Ix-xhud jippreżenta kopja tad-dokumenti kollha li ġew sottomessi mal-applikażżjoni.

Jixhed li l-applikażżjoni tiġi sottomessa mill-employer, abbażi tal-applikant. L-applikant irid jikkonferma illi l-informazzjoni u d-dokumenti li huma korretti.

[1] Long Private Lease Agreement datat 18/08/2023 bejn Francis Buttiġieg u Imputata

**Andrew Xuereb,** rappreżentant mill-Housing Authority xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024.
Ix-xhud gie muri Dok MV 1[2] u Dok MV 2[3] datati 13 ta' Lulju, 2023. Ix-xhud jirrileva li fit-taħrika gie mitlub jikkonferma zewgt lease agreements. Hu fuq dawn iccekkja.
Dok MV 3[4] huwa approval ta' registration tal-kirja mill-Housing Authority. Ix-xhud jixhed li din ma hijiex awtentika hija forged. Jixhed:-

*"ir-reference number li hemm fuqha reference number LL099349 li f' dan id-dokument qed jirriferi għall-fond Westgate residence triq tal-hrejjeb number 55 flat 6F Msida dan ma huwiex korrett il-referenza number huwa ta' kuntratt ieħor ta' third party li m' għandhomx x' jaqsmu ma dan il-kuntratt ma' dan il-fond huma dawn l-ismijiet li hawn hawnhekk fil-fatt id-data li hawn fuq dan il-dokument hemm double slash li ma tohrogx, jigifieri fid-data hemm double slash li ma tohrogx mir-registru taghna."*

Muri Dok MV 2, dan ir-reference number LL085860 jirriferi għall-fond 16, 58 Harmony Court Triq il-15 ta' Awwissu il-Mosta, dan huwa awtentiku jigifieri dan huwa registrat mal-Awtorita' tad-Djar dan id-dokument.

In kontro-eżami

Mistoqsi jekk b' referenza għal Dok MV 2, jiġifieri Housing approval bin-numru ta' referenza LL085860 jistax jghid li b`din l-approval min hemm registrati dan l-address DOK MV1. Jirrispondi li huwa jista' jippreżenta l-kuntratt għal liema kien qed jirriferi. – Dok AX 1 Long Private lease agreement datat 8 ta' Novembru, 2022 bejn certa Marvin Vella u Darko Miladinovk. Skont ix-xhud Dok AX jirriferi għal Dok MV 2.

Wara li gie muri d-dokumenti in atti ix-xhud jikkonkludi li ma jistax jikkonferma li l-email qed jirriferi għal istess kuntratt.

**Spettur Michael Vella** xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2024. Fl-1 ta`Dicembru, 2023. Jixhed li għall-ħabta tat-08.30 ta`filghodu l-għassa tas-Sliema daħal rapport li persuna li kienet l-Identita' Malta, Msida ipprezentat dokumenti foloz. Il-pulizja marru fuq il-

[2] Long lease agreement
[3] Emails minn Housing Authority
[4] Approval ghar-resgistrazzjoni tal-kirja

post u mil-istharrig li sabu fuq il-post irrizulta li kien hemm certu li kienet ipprezentat xi leasing agreement falz u fuq din l-informazzjoni li ġiet arrestata għall-ħabta tad-09.00 ta`filghodu u ġiet skortata ġewwa il-lock up mil-pulizija ġewwa il-Furjana.
Ix-xhud jaghraf lil imputata fl-awla.
L-imputata rilaxxat stqarrija fil-prezenza tal-konsulent legali tagħħa u ta' interpretu mill-lingwa Serbjana għal lingwa Ingliża. L-imputata ikkoperat u għaddiet informazzjoni lil pulizija. L-imputata spejgat li l-employer tagħħa kien sottometta d-dokumenti lil Agenzija. Parti mid-dokumenti li kellhom jigu sottomessi kienu *residential lease agreement*. Id-dokumenti mill-employer tagħħa, Smart Supermarket, ġew sottomessi lil Agenzija fit-22 ta' Awwissu, 2023. Dak in-nhar l-Identità infurmawhom li kienu aċċettaw l-application u fid-9 t' Ottubru kellhom joħorġu l-*approval for principal*. Fl-1 ta' Diċembru l-imputata ġiet informata li kellha appuntament biex tkun tista' tagħmel il-biometrics biex b'hekk tkun tista' toħroġ din il-plastic L-ID card.

l-Ispettur jipprenta l-*lease agreement* mertu ta' dan il-każ (Dok MV).

L-ispettur jixhed li fl-4 ta' Awwissu, l-imputata kienet ippreżentat *lease agreement* pertinenti ghar-residenza li qed tirrisjedi bhal issa ġewwa l-Mosta li għal xi raġuni ma kienx gie aċċettat mill-Agenzija Identita' Malta. Dan il-*lease agreement* mill-istharrig li għamel irrizulta li kien gie aċċettat minn naha tal-Housing Authority.

L-imputata spjegatilhom li kellha bzonn kuntratt ieħor u li z-zmien ta' disghin ġurnata kien qed jagħfas u għamlet kuntatt ma agenzija fuq Facebook. L-imputata spjegat li kienet halset Eur 250 deposit fuq l-appartament fl-indirizz msemmi fuq l-ewwel kuntratt li ppreżentajt iżda minn dak iż-żmien l-hemm din ma ġietx mgħoddija l-ebda ċwievet u l-appartament qatt ma ratu u l-aġent sparixxa. Minn investigazzjoni li għamel irrizulta li din il-persuna jisimha 'Saxo' u prezentement tinstab il-ħabs minħabba li kien inqabad jagħmel l-istess tip ta' frodi.

Nel fratemp l-imputat ingħatat police bail. L-Ispettur kellem ukoll lit-tifla tal-imputata li ukoll irrilaxxat stqarrija fil-prezenza ta' konsulent legali. It-tifla tal-imputata stqarret li kienet avvicinat persuna li kien qalilha li ser jghina issib akkomodazzjoni hawn Malta minħabba li l-idenitita' ma accettawx il-kuntratt precendenti. Din il-persuna ghaddiet lilhom il-kuntratt tat-tieni persuna li hemm investigazzjonijiet oħra ghaddejja fuqu u minn hemmhekk bdiet il-korrispondenza fuq whatsapp ma' din il-persuna. Fejn hemm

hekk għaddewlu kopja tal-passaport tas-sinjura imputata mobile number, email address, kif ukoll €250 mal-firma tal-kuntratt biex niftiehmu. Skont kif qaltlu fid-19 ta' Awwissu, 2023 Saso mar quddiem r-residenza tagħhom il-Mosta fejn hemmhekk biex jiffirmaw il-kuntratt u ghaddew il-flus li zewgt persuni, wahda minnhom ma tistax tissemma għaliex għaddejjin investigazzjonijiet fuqha. L-għada filgħodu, it-tifla tal-imputata għamlet kuntatt ma dan Saxo li infurmahom li għandhom jiricievu konferma mill-Housing Authority u li wara ċertu zmien kien ser ikollhom ic-cwievet ukoll. Imma baqghu bla cwievet.

Nhar 23 ta' Jannar, ta' 2024. L-imputata kienet ressqet taħt arrest quddiem il-Maġistrat Charmaine Galea, Fejn wieġbet mhux ħatja u ġiet rilaxxata fuq bail.

L-ispejjtur jippreżenta sett ta' dokumenti li jikkonsistu (i) Dokument li l-Housing aċċettaw il-kuntratt ta' fuq il-Mosta (ii) Issa dokument ieħor li dan l-istess Saxo għaddha lil it-tifla tal-imputata fuq ir-residenza ġdida mertu ta' dan il-każ. .

In kontro-eżami jirrispondi li  b' referenza għal *lease agreement* tal-Mosta, l-kumpanija li kienet tħaddem lil imputata ippreżentat id-dokumenti online. Jekk jirrizultalux li l-Identity Malta ma aċċettawx il-Housing approval għaliex ma kinitx f'isem l-imputata li għandna llum. Jirrispondi li fl-indirizz tal-Mosta ma kienitx imnizzla bħala main applicant u kienet imnizzla biss bhala residenti u ma giex aċċettat għal din ir-raġuni.

Jikkonferma li l-Housing Authoritu ikkonfermaw bil-miktub li l-imputata hija reġistrata f' dak l-appartament tal-Mosta u li pprezenta email li gie approvat il-kuntratt mil-Housing Authority (Dok MV3).

Jikkonferma li jirrizulta li fl-14 ta' Awissu l-Housing Authority infurmaw lit-tifla tal-imputata li d-dettalji tagħħa huma mnizzlu fil-kuntratt ta' kera fejn kienet u għada tirrisjedi sallum.

**Jonathan Grech, xehed fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024**. Ix-xhud huwa direttur ta' Smart Supermarket. L-imputata kienet taħdem bhala crew fis-supermarket. Jippreżenta l-applikażzjoni tal-imputata maghmula mill-HR li ma għadiex taħdem maghhom, sabiex is-sinjura taħdem maghhom ġewwa Smart Supermarket. Ix-xhud jindika lil imputata. Jippreżenta kopja tal-applikażzjoni u d-dokumentazzjoni sottomessa.

In kontro-eżami jikkonferma li d-dokumenti li pprezenta ma hejjiehomx hu izda xi ħadd ieħor. id-dokumenti ma ġewx mghoddika lilu personali imma lil HR. tal-HR jippreparaw l-application, niffirmaw u jtellghuha fil-portal ta' Identity Malta.

Lil imputata għamlulha interview u hu kien preċenti għal xi hin waqt l- interview. It-tifla tal-imputata taħdem magħħom ukoll.

Dawn id-dokumenti ma jinghaddewx waqt l-interview, izda wara lil HR.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata ġiet akkużata talli (1) Sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċju għaliha innifisa jew għal haddieħor, f' xi document maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħat tagħrif falz. (2) Għamlet falsifikażżjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodiċi Kriminali. (3) Dwar xi informazzjoni li għandha tiġi moghtija skont jew għall-finijiet ta' dan l-Att (l-Att dwar l-Immigrazzjoni) , tagħħa jew gieghel li jinghata prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz.

Ikkunsidrat

Fil-kamp kriminali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l ħinn kull dubju dettat mir-raġuni. Hearsay evidence hija ukoll mhux ammessa bhala prova u l-prosekuzzjoni għandha ttella l-aqwa prova.

Issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[5] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[6].

---

[5] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[6] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

Illi fil-każ in eżami, ix-xhieda kienu jikkonsistu fix-xhieda tal-pulizija li investigaw il-każ, rapprezentant minn Agenzija (presumilment Idenity Malta għaliex ma identifikax ruhu) li f' kull każ ma kienx il-persuna li sprunat din l-investigazzjoni; Francis Busuttil identifikat bl-isem u l-karta tal-identita' tiegħu fuq l-iskrittura li ikkonferma li ma huwiex propjetarju tal-appartament fid-dokument sottomess u ghajr għal ismu, u n-numru tal-karta tal-identnita' ebda' dettal ieħor ma huwa tiegħu u li ma ffirmax l-iskrittura; rapprezentant tal-Housing Authoity li approvat ir-registrazzjoni tal-kirja; u direttur tal-kumpanija fejn hi impjegata l-imputata li pprezenta d-dokumenti imma ma kienx hu li pprepara l-applikażżjoni li ġiet eventwalment sottomessa.

Il-persuni li ghamlu r-rapport u li ġew indikati fl-affidavit tal-pulzija pprezentat mat-tahrika tal-kawża Oliver Bennett u Patrick Farrugia impjegati ta' Identity Malta li infurmawh li l-imputata prezentatilhom dokument ta' kera iffalsifikat ma xehdux f' dawn il-proceduri. L-anqas ma ġew inġunti persuni oħra li ssemmew mill-Ispettur u li presumibilment kellhom x' jaqsmu ma dan il-każ. Il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni ta' *hearsay evidence*.

Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrizultax li l-imputata kellha l-intenzjoni (mens rea) li tagħmel att krimininuz meta tramite terz li għamel l-arrangjamenti u ffirma

[7] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

dokumenti sabiex tiġi processata l-applikażżjoni. Mix-xhieda johrog ċar li kien hemm terzi involuti. Kif tiga' kunsidrat ukoll irrizulta li l-imputata ma tifhimx la bil-lingwa Ingliża u l-anqas bil-lingwa Maltija tant li kellhom jinhatru zewgt traditturi f' kull seduta. F'dawn ic-cirkostanzi mhux ippruvati l-ewwel, it-tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni.

Decide

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u cioe' Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art. 31 (1)(c) tal-Kap. 217 tal-liġijiet ta' Malta qegħda ssib lil imputata mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

Il-Qorti ordnat divjet ta' isem l-imputata mill-publikażżjoni fi kwalunkwe ġurnal jew meżżi socjali.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**